# DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

# Nru 121/2013

# tal-14 ta' Ġunju 2013

# li temenda l-Anness XIII (Trasport) tal-Ftehim ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi tiegħu (1) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Għalhekk l-Anness XIII ta' mal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-punt li ġej jiddaħħal wara l-punt 18b (Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Anness XIII ta' mal-Ftehim ŻEE:

"18ba. **32009 D 0750:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE tas-6 ta' Ottubru 2009 dwar id-definizzjoni tas-Servizz Elettroniku Ewropew tan-Nollijiet u l-elementi tekniċi tiegħu (ĠU L 268, 13.10.2009, p. 11)."

(1) ĠU L 268, 13.10.2009, p. 11.

*Artikolu 2*

It-testi tad-Deċiżjoni 2009/750/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, ikunu awtentiċi.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-15 ta' Ġunju 2013, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment taż-ŻEE tiegħu.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

*Il-President*

Gianluca GRIPPA

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.

## Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti

## għad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 121/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 li tinkorpora d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/750/KE fil-Ftehim ŻEE

"Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu li fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tal-Liechtenstein, in-netwerk tat-toroq tiegħu li huwa żgħir ħafna kif ukoll il-fatt li fl-1 ta' Jannar 2001 il-Liechtestein introduċa Tariffa għall-Vetturi Tqal, li hija bbażata fuq ftehim bilaterali bejn il-Liechtenstein u l-Isvizzera u li tiġi imposta fil-postazzjonijiet komuni fil-fruntieri permezz tat-Trattat tiegħu ta' Unjoni Doganali mal-Isvizzera, il-kwistjonijiet dwar l-interoperabbiltà tas-sistemi elettroniċi dwar taxxi [tan-nollijiet] tat-toroq fil-Liechtenstein huma trattati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Isvizzera."